ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025

Talba Nru: CCT139/24/DS

Kenneth Busuttil

Vs

Lawrence Sofa & Upholstery Cleaners

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-27 ta' Ġunju, 2024 fejn talab lill- Lawrence Sofa & Upholstery Cleaners riżarċiment ta' elf erba' mija u tmintax -il Ewro (€1,418) f'riżarċiment għal ħsara li allegatament għamlulu fil-kċina tiegħu meta huma marru jnaddfu l-istess;

Ra illi Lawrence Grech magħruf fin-negozju bħala Lawrence Sofa & Upholstery Cleaners debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħal risposta fl-05 ta' Awissu, 2024 fejn ċaħad l-allegazzjonijiet magħmula kontrih u talab li t-talbiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda;

Ra r-rikors fejn intalbet korrezzjoni fid-data liema rikors mhux oppost ġie milqugħ mit-Tribunal;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti:

Illi r-rikorrenti kkummissjona xogħlijiet ta' tindif mingħand Lawrence Sofa & Upholstery Cleaners għal post illi kien għadu kemm lesta. Is-Sur Lawrence Grech flimkien ma żewġ ħaddiema tiegħu għamlu x-xogħol rikjest. Jidher illi mix-xhieda prodotti li dan ix-xogħol sar taħt sorveljanza stretta tas-Sur Busuttil u martu ħlief għal perjodu qasir ta' żmien illi ma kienux preżenti. Jidher illi l-istess sinjuri spezzjonaw ix-xogħolijiet bir-reqqa tant illi anki kien hemm xi xogħol ta' tindif tal-kċina illi ġiegħluhom jagħmluh darbtejn.

Meta t-tindif tlesta ġie ffirmat dokument illi ġie preżentat fl-atti illi jgħid "*Check for any damages before workers leave the property. Not responsible after signature.*" kif ukoll "*I am 100% satisfied with the work done by Lawrence.*" Dan id-dokument ir-rikorrenti ma ċaħadx l-awtenticita' tiegħu pero' qal illi huwa ma jifhimx bl-Ingliż u ffirma għaliex kien qallu li qiegħed jiffirma li ħallsu. Minn naħa tiegħu is-Sur Grech qal illi ma jiftakarx illi r-rikorrenti staqsieħ il-karta li qiegħed jiffirma x'inhi u lanqas għamillu mistoqsijiet.

Illi bħala prova tal-ħsarat ir-rikorrenti prezenta sett ta' ritratti pero' għajr dak li jidher illi huma tbajja dan it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jifhem eżattament din il-ħsara f'hiex tikkonsisti, x'tip ta' ħsara hi jew minn x'hiex hija magħmula u frankament, lanqas ingħatat spjegazzjoni ċara mir-rikorrent ta' b'liema mod qiegħed jgħid illi saret din il-ħsara.

Illi, barra min hekk, ir-rikorrenti qal illi nduna bil-ħsara fil-5 ta' Mejju, 2024 meta x-xogħol sar jumejn qabel u m'huwiex kredibbli illi persuna illi kienet sebgħa mitt għajn fuq ix-xogħolijiet tant illi ż-żewġ xhieda prodotti qalu li bilkemm setgħu jaħdmu tant kienu qiegħdin jiġu ssorveljati mill-viċin ma spezzjonawx il-kċina qabel telqu l-ħaddiema. Huwa minnu illi huma qalu illi kien hemm l-art imxarrba pero' sakemm l-imsemmija ħaddiema ġabru l-affarijiet tagħhom, ġie ffirmat id-dokument u telqu l-art ċertament kienet nixfet u jekk le, dan it-Tribunal m'għandux dubbju illi r-rikorrenti u martu ma kienux ser idumu jumejn biex jispezzjonaw il-kċina galadarba spezzjonaw kull xogħol ieħor, kif kellhom kull dritt jagħmlu, bir-reqqa.

Illi għalkemm dan it-Tribunal innota diskrepanza bejn il-verzjoni mgħotija mis-Sur Lawrence Grech li ta x'jifhem minn dokument anness mat-talba illi kien intuza xi

detergent għall-ħasil tal-art fl-ammont ta' 20% u x-xhieda miġjuba minnu li qalu li ma ntuzat l-ebda kimika u l-ħasil sar bl-ilma biss, xorta dan it-Tribunal mhux konvint illi t-titjir illi jidher li hemm fuq l-għamara, sa fejn tista' tikkonstata stante li l-prova mhux ċarissima, m'huwiex kompatibbli ma xi titjir mill-magna li tintuża biex isir il-ħasil tal-art.

Għalkemm ir-rikorrenti

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru